MINUTI

KAMRA TAD-DEPUTATI

IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT

SEDUTA NRU 26

L-Erbgħa, 21 ta' Ottubru 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Carmelo Abela, ippreseda.

PREŻENTI

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat l-Onor. Julia Farrugia u l-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi l-Onor. Alison Zerafa Civelli kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Beppe Galea kien imsiefer fuq xogħol uffiċjali tal-partit.

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel l-Onor. Anton Refalo, il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir l-Onor. Miriam Dalli, il-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Jo Etienne Abela u l-Onor. Bernice Bonello kienu skużati.

L-Onor. Ray Abela u l-Onor. Justin Schembri kienu assenti.

TALBA

L-Aġent Skrivan tal-Kamra qalet it-talba.

MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 25 li saret fl-20 ta' Ottubru 2026 kienu kkonfermati.

PETIZZJONI

L-Onor. Ivan Castillo ppreżenta petizzjoni ffirmata minn numru ta' persuni mill-akkwati tal-Imġarr, Malta, dwar sistemi ta' mmaniġġjar tat-traffiku fit-triq ta' Għajn Tuffieħa u qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 462 Petizzjoni ffirmata minn 32 persuna li joqogħdu fl-akkwati tal-Imġarr biex tiġi diskussa sistema aħjar ta' mmaniġġjar tat-traffiku mal-awtoritajiet minħabba żieda fit-traffiku fit-triq ta' Għajn Tuffieħa.

MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 288 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet, l-Onor. Owen Bonnici, f'isem il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 463 Tabelli li jagħtu tagħrif dwar proporzjonijiet tas-sorsi tal-produzzjoni tal-elettriku u tal-ilma, il-proporzjon tal-ilma mormi trattat li kien irkuprat, u l-produzzjoni annwali ta' new water għas-snin bejn l-2020 u l-2025, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2305;

P.L. 464 Tabella li turi l-enerġija kkunsmata u l-ispiża involuta għall-produzzjoni tal-ilma maqsuma skont il-metodu tal-produzzjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2306; u

f'isem il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 465 Tabella li turi n-numru ta' passiġġieri li għamlu użu mill-karozzi tal-linja mil-lokalitajiet tal-Mellieħa, San Pawl il-Baħar, l-Imġarr, il-Mosta, in-Naxxar, San Ġwann, Ħal Balzan, Ħ'Attard u l-Imtarfa kull xahar bejn Jannar 2020 u Awwissu 2026, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari 2310.

PUNTI MQAJMA MINN MEMBRI TAL-KAMRA

L-Onor. Michael Piccinino ġibed l-attenzjoni tas-Sedja illi l-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali naqas milli jwieġeb mistoqsija parlamentari li kienet saritlu diversi drabi dwar inforzar mill-PBS tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja fir-rigward ta' standards applikabbli għal bulettini tal-aħbarijiet u programmi ta' ġrajjiet kurrenti. Huwa rrefera għal mistoqsijiet parlamentari 1121, 1620, 3358 u 3588.

Is-Sedja ħadet nota tal-punt imqajjem mill-Onor. Membru.

KUMITATI PERMANENTI

Il-President tal-Kumitat Permanenti Aġġunt, l-Onor. Ramona Attard, irrapportat li Abbozz Nru 2 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Armi – kien għadda mill-istadju ta' Kumitat b'emendi.

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Aġent Skrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

1. ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX JEMENDA VARJI LIĠIJIET DWAR IT-TRIBUNAL TA' REVIŻJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR – ABBOZZ NRU 13

Il-Kamra rriżumiet mill-20 ta' Ottubru 2026 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, Kap. 551, u l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Kap. 552, u sabiex jipprovdi għal sospensjoni awtomatika tal-eżekuzzjoni

ta' permessi meta jkun hemm appell, għal proċeduri mħaffa, għal emendi konsegwenzjali u għal materji anċillari."

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Robert Abela, l-Onor. Graziella Galea, l-Onor. Francesca Zarb, l-Onor. Stanley Zammit, l-Onor. Deborah Schembri, l-Onor. Fleur Abela u l-Onor. Joe Giglio.

Fis-6.50 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata u l-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

AĠĠORNAMENT

Il-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 26 ta' Ottubru 2026 fis-6.00 p.m. b'din l-aġenda:

<u>Mozzjonijiet</u>

Mozzjoni biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għall-konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali ta' spiża għas-sena 2027 – Dikjarazzjoni finanzjarja

Il-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni informa lill-Kamra li skont ftehim milħuq, is-seduta tat-Tnejn, 26 ta' Ottubru 2026, li fiha se jiġi ppreżentat il-Baġit għas-sena 2027, ser tkun imxandra b'mod dirett mill-Public Broadcasting Services u li d-diskors tal-Baġit se jixxandar ukoll bil-lingwa tas-sinjali.

Skont l-istess ftehim, fil-bidu ta' dik is-seduta, fotografi u cameramen se jitħallew jieħdu ritratti/filmati għal ftit minuti.

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern, mill-Onor. Nigel Vella u mill-Onor. Clint Azzopardi Flores.

Fis-7.22 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 26 ta' Ottubru 2026 fis-6.00 p.m. kif komunikat mill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

ELEANOR SCERRI
SKRIVAN TAL-KAMRA

KONFERMATI

ONOR. CARMELO ABELA
SPEAKER